# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Settembru Ottubru 1997
Numru 22

BirdLife MALTA

Stampat fuq karta riċiklata



paġ12

FORESTA 2000




Grupp Lokali ieħor!

paġ8

FEJN?



X'reġa' nqalgħalha l-Monka?

paġ4

BirdLife INTERNATIONAL WORLD BIRDWATCH 1997

Supported by BUSHNELL

Rikordju tal-*World Birdwatch 1997*



Richard Cachia Zammit

*Kwakka*

# editorjal



## Ħbieb



Żmien il-passa magħna. Il-passa hija waħda mill-ikbar għeġubijiet tan-natura. Ħafna annimali jpassu, minn friefet sa balieni. Imma żgur li l-iktar familjari hija l-passa ta' l-għasafar.

Tant u tant xjenzati fnew moħħhom jistudjaw dal-miraklu tan-natura, imma xorta għadu ħadd ma jaf kif l-għasafar isibu t-triq waqt il-passa. Kif bla mappa, bla boxxla, bla kotba, bla studju u spiss fi dlam ċappa jirnexxielu dak in-nitfa pitirross jiġi sena wara l-oħra u jsib mhux biss l-istess pajjiż, imma l-istess raħal, l-istess ġnien u, jekk jogħġbok, l-istess imbierka siġra!!!



Jgħidulek l-għasfur jiftakar id-dehra tal-post. Imma ngħid jien dawk il-mijiet u eluf ta' kilometri... ara kemm mijiet ta' dehriet irid iżomm f'dak il-moħħ daqs piżella! U jekk għasfur qed ipassi għall-ewwel darba, dan se jkun kollu ġdid! U l-baħar! Mill-ajruplan il-baħar dejjem l-istess rajtu jien. Tapit blu skur ma jispiċċa qatt! X'taqbad tiftakar minnu?

Jgħidulek li l-għasfur juża l-kwiekeb, ix-xemx, il-qamar. Sewwa, u jekk ikun is-sħab?!

Jgħidulek li l-għasfur għandu speċi ta' boxxla f'moħħu, li biha jsib id-direzzjoni. Kollha idejat u sforzi biex nifhmu xi ħaġa.

Imsomma, jużaw x'jużaw, l-għasafar jibqgħu dejjem jgħaġġbuna bil-meravilji tagħhom.




**Victor**

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet | paġ 3 |
| X'għandna mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 22 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...l-ISPANJULETT | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Gallerija | paġ 7 |
| Grupp Lokali Ġdid | paġ 8 |
| Kont Taf? | paġ 8 |
| ĦARĠA | paġ 9 |
| Nowtbuk tan-Natura | paġ 9 |
| Għali Ambjentali - it-Tniġġis | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Foresta 2000 | paġ 12 |
| Avviżi | paġ 12 |




Bugħarwien

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Angèle Pulis, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, slide-shows, video-shows u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Klabb Ħuttaf għandu wkoll (s'issa) 5 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fil-Klabb hija Lm1.50 fis-sena.

## Faċċata ta' Quddiem

## Kwakka

(*Nycticorax nycticorax* - Night Heron)

Kieku l-magażin kien bil-kulur (xi darbajkun, tafux!), kieku tispikka l-għajn ħamra nar ta' dan l-għasfur. Il-Kwakka hija waħda mir-razza ta' l-irsieset li jpassu minn Malta, spiss bil-lejl. Kultant anke tismagħhom isejħu 'l xulxin bil-lejl.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' isem il-magażin u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Ottubru 1997

# aħbarijiet

## Aħbar minn Wied il-Għajn




Tard f'Lulju xi ħadd ċemplilna biex jgħidlina li ġo ventilatur ta' flett f'Wied il-Għajn kien dieħel u ħiereġ għasfur sewdieni, mislut, bi ġwienaħ dojoq u twal. X'kien? U x'kien qed jagħmel?

John Borġ, espert ta' l-għasafar, mar jinvestiga, u x'isib? Jekk qrajtu *Nittrumbjaw fuq* tal-Ħuttafa 21, diġà ndunajtu. Hekk hu, kien **Rundun**!

X'kien qed jagħmel? Ħeqq, kull berdwoċer jaf li r-Rundun iqatta' ħajtu kollha fl-ajru, u jillandja biss... biex ibejjet! Speċjalment jekk jibda juri interess f'xi ħofra ma' ġenb ta' rdum jew bini ftit għoli.

U bil-bejta kien! Kemm eżatt kellhom frieħ ma nafux, imma aktar tard fis-sajf John ra ferħ itir żgur, flimkien maż-żewġ adulti. Aktarx li kien hemm ferħ ieħor, imma m'aħniex żgur żgur.

Fl-imgħoddi r-Rundun kien ibejjet fis-swar u fl-irdumijiet ta' Malta, imma l-aħħar rekords ta' bejta għandhom mal-mitt sena!

Sadattant ħafna bliet u rħula fil-Mediterran jimtlew Rundun bil-bejtiet fir-rebbiegħa. Aħna le! Aħna speċjali. Aħna għandna l-kaċċaturi! U fejn hemm il-kaċċaturi, mhemmx għasafar.

## Arpamperrċa



**Fir-rawndebawt fid-daħla tal-Mosta minnaħa ta' l-iMġarr, berdwoċer Etienne Grech baqa' mnixxef jara ARPA mperrċa xxamplata fuq arblu tad-dawl! Dan kien fl-24 ta' Settembru, fl-eqqel tal-passa... u tal-kaċċa! Baqgħetx ħajja dik l-arpa ma nafux!**

**Sadattant ARPA oħra, li nġabret feruta minn membri ta' BirdLife, instab li kellha ċurkett minn Helsinki. Jiġifieri dan l-għasfur ġie minn Suomi Finland! Vjaġġ ta' mill-inqas 3000km!**

**Imbagħad tiġi Malta...u BUMM!**

## L-Għadira tkabbar...



L-Għadira hemm ix-xogħol għaddej. Jekk qatt mortu r-riserva żgur dħaltu fil-ħajd il-kbira. Dik issa tkabbret, biex ikollna fejn nilqgħu aktar nies, speċjalment fi tmiem il-ġimgħa. Jekk mortu hemmhekk għall-Għadira Jumble Sale ta' l-4 u 5 ta' Ottubru, rajtu d-differenza!

## Pomponi

Il-**MONAKELLA** li kienet qed tbejjet fir-riserva ta' l-Għadira (ara Il-Ħuttafa 20) biedet tliet bajdiet, li minnhom tnejn faqqsu żgur. Il-frieħ tal-Monakella jitilqu jiġru ftit minuti wara li jfaqqsu. Trid tarahom! Ballun żgħir suf bis-saqajn!





## ...u l-Iswed jifrex!

Kif tafu, ir-riserva tas-Simar kull sena tfur bil-bejtiet tal-**GALLOZZ ISWED** (ara Il-Ħuttafa 20). Imma das-sajf il-Gallozz Iswed kien bil-bejta anke fir-riserva ta' l-Għadira! Il-bejta ma nstabetx, imma l-frieħ iċafċfu wara ommhom dehru sew!





# Il-Bumerin kollha sejrin!



Naturopa

BBCWildlife Magazine Oct97

Xi sena ilu (ara Il-Ħuttafa 13, p4) konna tkellimna dwar il-**Monka** (*Monachus monachus*, monk seal - bil-Malti kienu jsejħulu wkoll Bumerin), il-foka speċjali tal-Mediterran, speċjali għax unika u speċjali għax rarissma. Barra mill-popolazzjoni żgħira ta xi 400 li baqa' fil-Mediterran, hemm popolazzjoni oħra li tgħix tul ix-xatt Atlantiku tal-Maroc. Dil-popolazzjoni kienet sax-xitwa li għaddiet tlaħħaq it-300 annimal. Imma das-sajf kien hemm epidemija ta' mard fost dawn il-foki, li bdew imutu bħad-dubbien! Il-mard kien mid-dehra kkawżat minn alga velenuża li kibret f'dawk l-inħawi, imma nstabu xi iġsma li kellhom speċi ta' *rabies*. Kienet x'kienet il-kawża, il-fatt huwa li ħalliet 'il fuq minn 200 foka mejta! Fi kliem ieħor baqa' inqas minn terz tal-popolazzjoni oriġinali. Musmar kbir ieħor fit-tebut ta' din l-ispeċi. Nistgħu ngħidu li l-Monka issa qabdet sew it-triq tan-niżla!




**It-toqba fis-saff ta' l-ożon reġgħet qed tingħalaq b'rata mgħaġġla! X'inhu jiġri?**



# KOMPETIZZJONI 22

*Norman Chetcuti (Mr Wotsit)*

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | J | O | R | E | N | T | I | N | K |
| J | N | P | T | D | T | A | Ż | I | U |
| A | N | U | T | T | E | L | A | P | D |
| M | A | R | O | I | I | L | N | D | I |
| M | Ġ | Ċ | R | H | B | E | Ż | R | R |
| I | A | I | E | S | B | Ġ | A | F | R |
| N | B | N | V | M | E | I | R | Y | O |
| G | R | E | U | H | L | M | E | H | S |
| U | A | L | L | L | U | A | L | P | S |
| N | B | L | P | F | B | D | L | F | O |

BARBAĠANN
BULEBBIET
DAMIĠELLA
FJAMMINGU
FJORENTIN
KUDIRROSS
PALETTUNA
PLUVEROTT
PURĊINELL
ŻANŻARELL

**Żmien għandkom sal-15 ta' Novembru 1997**

Sibu l-ismijiet ta' l-għasafar moħbijin. L-ismijiet jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bil-quddiem jew b'lura. Immarkawhom, ħudu fotokopja tat-taħbila u ibagħtuha, flimkien ma' isimkom u l-indirizz, lil

**Kompetizzjoni 22**
**Klabb Ħuttaf - BirdLife**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**



Ir-rebbieħ jittella' bil-polza fost it-tajbin. **Ir-rebbieħ jingħata CD ġentilment mogħti minn The Scorpion.** Tinsewx: min iqasqas Il-Ħuttafa niskwalifikawh.



Ir-rebbieħ ta' **Kompetizzjoni 21** huwa **Godfrey Sant** minn Ħal Qormi. Godfrey jista' jmur jiġbor is-**CD li rebaħ** mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel). Importanti li jieħu miegħu l-membership card.

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit*
*Sports and Music*

The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19
Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284



# l-i Spanjulett





minn
**Mark Falzon**

| |
|---|
| Malti: **Spanjulett** |
| Ingliż: **Kestrel** |
| Xjentifiku: ***Falco tinnunculus*** |

**Il-passa tat-tajr tal-priża waslet fl-aħħar. Il-kuċċard, bgħadan u speċi oħrajn jinsabu diġà fl-Afrika, fejn marru biex jevitaw ix-xitwa qalila ta' l-Ewropa. Imma xi speċi jippreferu jagħmlu dal-vjaġġ iktar tard, u għalhekk bħalissa jkunu għadhom għaddejjin. Fost dawn jispikka l-iSpanjulett.**

**L-iSpanjulett** huwa mill-familja tal-falkuni (isqra), u għalhekk għandu għamla misluta, ġwienaħ irqaq u ppuntati, u denb twil - denbu fil-fatt huwa itwal minn ta' falkuni oħrajn, u jispikka sew meta l-għasfur ikun qed itir. Minn taħt, l-iSpanjulett huwa bajdani b'ħafna daqqiet skuri; minn fuq huwa kannella ċar, bir-ras griż kaħlani. L-iSpanjulett spiss jissaqqar, jiġifieri jtir b'mod li jibqa' donnu wieqaf fl-ajru. Dan jagħmlu biex jorqom sew l-art ta' taħtu, ħalli jara jilmaħx xi priża bħal ġurdien jew gremxula kbira. Għajnejh huma kbar u żviluppati ħafna, u kapaċi jiflu l-post b'reqqa kbira - kieku Spanjulett jaf jaqra dil-paġna jaqraha minn ħafna metri bogħod!






**L-iSpanjulett** jidher fostna s-sena kollha, imma huwa aktar komuni bejn Marzu u Mejju u bejn Settembru u Ottubru, meta jkun qed ipassi. Ġieli jidher ukoll l-iSpanjulett Sekond, li huwa aktar bajdani, u spiss ipassi fi qtajja' żgħar. Fix-xitwa xi Spanjuletti jibqgħu Malta, dejjem viċin xi rdum jew sur. Ġieli wkoll bejjet fil-gżejjer Maltin, għax hawn ambjent tajjeb ħafna għalih (Ara Il-Ħuttafa 9).

**L-iSpanjulett** huwa komuni sew fl-Ewropa kollha. Jippreferi ambjent miftuħ bħal għelieqi u xagħri, basta jsib fejn ibejjet. Dan il-post jista' jkun toqba f'xi siġra kbira, arblu tad-dawl, anke ħoġor wiesa' ta' dar għolja. L-iSpanjulett huwa kaċċatur tajjeb u jaqbad ħafna ġrieden; għalhekk xi bdiewa f'pajjiżi bħan-Nederland u Belġjum jibnulu arbli bi xkaffa kbira fl-għoli, biex iħajruh ibejjet 'għandhom' u jtaffilhom il-problema tal-ġrieden. Ftehim sabiħ ta' ħbiberija bejn bniedem u annimal! M'hemm xejn (ħlief il-kaċċaturi!)li jżommna milli nagħmlu dan f'Malta wkoll. Bħalma nibnu bird table fil-ġnien, bħalma nagħmlu vaska biex jiġu jixorbu l-għasafar, hekk ukoll il-bdiewa jistgħu 'jistiednu' lill-iSpanjulett. Jiffrankaw il-bexx, jeħilsu minn salt ġrieden u jkollhom il-kumpanija ta' għasfur sabiħ u bżonnjuż.



# Ittri

## Żewġ suġġerimenti

Sur Editur,

L-ewwel nett nixtieq ngħidlek li l-ġurnal huwa interessanti u informattiv ħafna. Tgħidx kemm nieħu gost naqrah, u wara li nlesti minnu jien, ngħaddih lill-ġenituri tiegħi biex jaqrawh huma wkoll.

Nixtieq nagħmel żewġ suġġerimenti. L-ewwel nixtieq li jkun hemm paġna oħra għas-suġġerimenti tagħna, u l-oħra biex il-kompetizzjoni tkun eħfef.

Jiena għandi 10 snin u mmur l-iskola De la Salle. Ftit ilu mort ir-riserva ta' l-Għadira. Hemm ħafna għasafar sbieħ. Jekk hawn xi membri li ma marrux, morru għax post interessanti.

Grazzi

Joseph D Farrugia
Rabat (?)

Għażiż Joseph,

Grazzi lilek, tal-kummenti sbieħ u anke tas-suġġerimenti tiegħek. Nieħdu pjaċir li anke l-kbar jaqraw il-magażin tagħna. Qatt mhu tard li titgħallem.

Rigward l-idejat tiegħek, diffiċli li nżidu l-paġni tal-membri, sempliċiment għax ma jidħlulniex daqshekk suġġerimenti!

Dwar il-kompetizzjonijiet, naħseb li dawk li jkollna huma fil-biċċa l-kbira ħfief biżżejjed anke għal tfal ta' taħt l-10 snin. Però fl-istess ħin ftakar li l-magażin jiġi f'idejn membri anke ta' 15-il sena!

U dwar dak li għedt fuq l-Għadira, għandek mitt elf raġun.

L-Editur

## Ilment Żabbari


Victor Falzon

Għażiż Editur,

Jiena għandi disa' snin u nħobb ħafna l-għasafar, speċjalment il-ħuttaf.

Ġimgħa ilu fit-triq tiegħi rajt żewġ pitirrossi mejtin. Jiena noqgħod Ħaż-Żabbar, u għadek ma tafx kemm hawn kaċċaturi, bil-lejl u bi nhar jisparaw. Imma darba konna għaddejjin fil-kampanja missieri u jien, u rajna merill ħdejn il-baħar.

Jiena qiegħed nagħmel proġett fuq l-għasafar, biex inkun nagħrafhom aħjar.

Dak kollox. Nixtieq ma narax iżjed għasafar mejtin.

Annetto Schembri
Ħaż-Żabbar

Għażiż Annetto,

Kumbinazzjoni naf sew x'joffri Ħaż-Żabbar, għax għamilt nofs ħajti ngħix hemm! Imma niżgurak li hawn ħafna rħula oħra bħalu, fejn filgħodu n-nies iqumu bl-isparar tal-kawbojs Maltin.

Jien ukoll nixtieq ma narax għasafar mejtin, imma mhux biżżejjed li noqgħod nixxennaq biss. Id-dover tiegħi bħala membru f'BirdLife huwa li ngħallem lil ta' madwari jaraw il-ġmiel fil-ħajja, mhux fil-qtil u l-moħqrija. Forsi xi darba neqirdu dal-kankru tal-kaċċa.

U biex issir tagħraf l-għasafar sew, m'hemmx aħjar milli tarma tromba, tidħol fil-Birdwatchers Club u ssir attiv (ara p 12). Aħna nilqgħuk b'dirgħajna miftuħin!

L-Editur

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**




**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

Grazzi lil dawk il-Ħuttaf kollha li ġabrulna Lm2.50 għall-Kampanja ALIVE. Kollha għandkom Ti-xert speċjali jistennikom. Veru domna ftit, imma ridna nafu kemm ħa nistampaw. It-Ti-xerts ikunu għandna fl-1 Novembru, u mill-għada tistgħu tmorru tiġbruhom mill-ħanut* tal-BirdLife, li qiegħed 111/7 Triq Sta. Luċija Il-Belt (9-12noon). Ħudu l-membership card. Lil dawk li għadhom qed jiġbru: tibżgħux, stampajna ż-żejda!




ALIVE

* ċemplu waħda qabel tmorru (230684 jew 250229).

# Gallerija

John Vella (9)



Ċiefa

Andrew Pace (7)



Pitirross

Anonimu!



Avultun Abjad

Aldo Busuttil



Widnet il-Baħar

Leonard Tonna



Arpa

Dexter Aquilina (12)



Kamalejont

**Għeżież Artisti Tagħna!**

Tpinġux ikbar minn 10x10ċm, użaw karta (mhux kartonċin) bajda u tpinġux bil-kulur. Iktbu isem l-annimal jew pjanta u isimkom u l-età. Tinkwetawx, ftit ftit it-tpinġijiet tagħkom kollha nġibuhomlkom (jekk timxu mar-regoli). Imma ftakru li hemm kju qabilkom!

# Grupp Lokali Ġdid Fjamant

## *Ix-xorti tmiss lill-Ħuttaf tal-Ħamrun, Marsa u Blata l-Bajda*

**Xeni mill-ewwel ħarġa li organizza l-Grupp Lokali Ħamrun, immexxi b'enerġija kbira minn Caldon Mercieca u Marija Calleja. Il-ħarġa saret fit-8 ta' Settembru, u ħadithom berdwoċing il-Buskett. Prosit u awguri lil dan il-Grupp ġdid. Issa għandna b'kollox 5 Gruppi Lokali.**

GL Ħamrun



Berdwoċing fuq ix-xagħra tal-Buskett...

GL Ħamrun



... u f'Wied il-Luq

GL Ħamrun



Logħba mas-siġar!

# Kont taf ?

*Audrey Chetcuti*



### *Id-Draguni mhumiex biss fil-leġġendi!*

Il-**Dragun Komodo** huwa l-akbar gremxula fid-dinja li teżisti llum (la d-dinizawru għoġobhom jispiċċaw!). Dan l-annimal jikber mat-3 metri twil, u jgħix fil-gżira żgħira Indoneżjana ta' Komodo, li qiegħda fit-tramuntana ta' l-Awstralja. Jiekol xadini, għasafar, ċriev, ħnieżer selvaġġi, ħut u anke rettili oħrajn. Id-Dragun Komodo kapaċi jiekol ċerva sħiħa, imbagħad jorqod ġimgħa, biex l-istonku jkun jista' jiddiġeriha bil-kwiet.

Il-mara tbid bajd skond l-età tagħha - aktar ma jkollha żmien aktar ikollha bajd. Il-bajd tbidu f'ħofra, u wara tmien xhur ifaqqsu l-frieħ, li jkunu xi 20ċm twal. Id-Dragun Komodo jgħix xi 30 sena.

**Fantasy WORLD**

73 St.Rita Street, Rabat MALTA
Tel 450610

**The PLACE for**
**• toys • games • hobbies •**
**• crafts • stationery •**
**• souvenirs • gifts • sports •**
**• camping/beach •**
**etc.**



***Attention all birdwatchers: Binoculars in stock!***

# Ħarġa għall-Buskett

Żmien il-passa, żmien il-berdwoċing. Għalhekk ħsibna għal ħarġa f'wieħed mill-aħjar postijiet għan-natura: il-Buskett! Biex ma nkunux ħafna nies f'daqqa, ser nitqassmu f'**erba' gruppi**, u kull grupp jiltaqa' u jmur idur f'**ħin differenti**, u jkollu miegħu leaders u berdwoċers ta' l-esperjenza. Attendu liema grupp tridu. Tfal taħt l-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir magħhom. Dawn huma d-dettalji:

| | |
|---|---|
| Data: | **Is-Sibt, 25 Ottubru 1997** |
| Niltaqgħu: | **Taħt it-Tinda, il-Buskett** |
| Ħin: | **Grupp 1 - 8.00am** |
| | **Grupp 2 - 9.00am** |
| | **Grupp 3 - 10.00am** |
| | **Grupp 4 - 11.00am** |
| Ġibu magħkom: | **Tromba u gajd** (jekk għandkom), **ikel, forsi rejnkowt.** |



## Nowtbuk tan-Natura

Desirée Falzon





## Kpiepel, ħjut u moffa!

Bil-ħafna xita' li qed ikollna, naħseb li se terġa' tkun sena tajba għall-faqqiegħ, jew fungi. Did-darba se ngħidilkom ftit dwarhom, għax ftit hawn nies jafu kemm huma interessanti.

Biex nibdew, kunu afu li l-faqqiegħ mhumiex pjanti! Veru li ħafna minnhom jikbru mill-art bħall-pjanti, imma s'hemm ix-xebh. Il-pjanti jieħdu l-ikel mill-ħamrija, u għalhekk ikabbru l-għeruq, u mix-xemx, u għalhekk ikabbru l-weraq ħodor. Il-fungi, mill-banda l-oħra, la għandhom weraq u lanqas għeruq, u la huma ħodor, la għandhom bżonn il-ħamrija u lanqas ix-xemx - anzi, lix-xemx, kif forsi tafu, jevitawha! Mela x'jieklu, u kif jieklu?

Meta taraw faqqiegħa, tkun qed tara biss il-'frotta' tagħha. Il-fungu proprju jkun taħt l-art. Immaġinaw ħafna ħjut irqaq f'nisġa mifruxa taħt wiċċ il-ħamrija. Dal-ħjut jikbru fuq fdalijiet ta' pjanti u materjal organiku ieħor, ngħidu aħna, biċċa ħobż jew frotta li waqgħet minn siġra, jew ħafna affarijiet oħrajn. Meta taraw ikel immuffat, dik il-moffa hija fungu! Huwa minn dawn li l-fungu jġib is-sustanza tiegħu, u mhux direttament mill-ħamrija, kif jagħmlu l-pjanti.

Kull tant żmien, imbagħad, minn dil-massa ħjut tikber il-'frotta', il-famuża *mushroom*. Din l-istruttura qiegħda biss biex fiha jiżviluppaw l-ispori, li huma ż-żerriegħa tal-fungu. Jekk tittawlu taħt il-kappell tal-faqqiegħa taraw ħafna linji rqaq jew toqob fini. Meta l-faqqiegħa tiftaħ, dawn il-garġi jew toqob ta' taħt jarmu daħna ta' spori, li bl-għajnejn ma tarahomx waħda waħda. Dawn jinxterdu mar-riħ. Minnhom jikber faqqiegħ ġdid.

L-aħħar kelma hija twissija. QATT tigbru faqqiegħ mis-selvaġġ u tikluh. Ħafna faqqiegħ huwa velenuż, proprju biex ma jħallikx tieklu! Jekk tridu tieklu l-faqqiegħ, ixtruh mill-ħanut!



# Għali Ambjentali

**Sensiela ġdida ta' artikli dwar problemi li qed iħassru l-ambjent naturali. Tikteb Elizabeth Conrad.**


Victor Falzon

## it-tniġġis

**Minħabba l-iżvilupp, fid-dinja qiegħed dejjem jiżdied it-tniġġis ta' l-arja, tal-ħamrija u tal-baħar. It-tniġġis jista' jipperikola s-saħħa tan-nies, joqtol pjanti u annimali, u jipproduċi storbju u ntejjen.**

It-tniġġis ta' l-arja huwa kkawżat l-aktar mill-**karozzi** u mill-**fabriki**. Anke **petrol biċ-ċomb** u **sprejs** li fihom CFCs jikkawżaw tniġġis fl-arja u ħsara lis-saff ta' l-ożown. L-ożown huwa gass madwar id-dinja li ma jħallix raġġi perikolużi mix-xemx jgħaddu u jmarrdu wiċċ id-dinja.

It-tniġġis ta' l-arja jikkawża s-*smog* u x-xita aċiduża. Is-*smog* jifforma meta ċ-ċpar jitħallat mad-**dħaħen** li jkun hemm fl-arja. Dan huwa ħażin ħafna għas-saħħa - fl-1957 fl-Ingilterra mietu 12 000 ruħ bis-*smog*, f'temp ta' 5 ijiem!

Ix-xita aċiduża wkoll hija problema serja. Ix-xita normalment ikollha ammont żgħir ta' aċidu fiha. Imma meta din tiltaqa' mad-dħaħen fl-arja, l-aċidu fiha jiżdied. Dawn l-aħħar ftit snin fl-Ewropa l-ammont ta' aċidu fix-xita żdied b'iktar minn għaxar darbiet! Din iż-żieda qatlet ħafna ħut, u numru kbir ta' għadajjar u xmajjar fl-iSkandinavja spiċċaw b'lanqas ħuta waħda fihom. Dix-xita qerrieda qatlet ukoll ħafna foresti, mermret monumenti u faċċati antiki ta' bini, u tipperikola s-saħħa tal-bnedmin jekk titħallat ma' l-ilma li nixorbu.



Malta mdawra bil-baħar, u għalhekk it-tniġġis tal-baħar għandu effett kbir fuqna. Il-baħar jitniġġes mid-**drenaġġ**, mill-**iskart** li narmu fih, mill-**pestiċidi** li jnixxu mill-għelieqi għal ġo fih, u wkoll minn **kimiċi** u skart tal-fabriki li jintrema fih. It-tankers taż-żejt huma wkoll sors ta' tniġġis. Dawn it-**tankers** ħafna drabi jitnaddfu fil-baħar, avolja kontra l-liġi. Meta dawn it-tankers ikunu involuti f'xi inċident, iż-**żejt** li jxerrdu jinfirex malajr u joqtol ħafna pjanti u annimali tal-baħar, fosthom għasafar tal-baħar.

Ħafna pajjiżi qed jipppruvaw inaqqsu t-tniġġis. Aħna wkoll nistgħu nagħmlu l-parti tagħna billi:

- ma nużawx sprejs ħlief dawk *pump action*, jiġifieri trid tippompja ftit il-buttuna ta' fuq biex joħroġ l-isprej.
- ninkoraġġixxu l-użu ta' petrol bla ċomb, jew diesel
- ma naħlux dawl - dan jiffrankaw l-enerġija, li biex issir jinħoloq ħafna tniġġis
- il-baħar nibżgħu għalih u ma nużawhx bħala tank taż–żibel.
- nirriċiklaw affarijiet li nkunu użajna - aktar ma narmu, aktar il-fabriki jridu jaħdmu



**Kulħadd irid jagħmel sforz biex jifhem kemm qed nagħmlu ħsara bit-tniġġis... qabel ikun tard wisq.**

*Elizabeth Conrad*

# GRUPPI LOKALI




**Ħamrun/Marsa**
Leaders: Caldon Mercieca (K), Marija Calleja
**Ħ'Attard**
Leaders: Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Valerie Scicluna, Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)

## Daħħal MEMBRU fi Klabb Ħuttaf



### u LILEK nibagħtulek...



- **3 PITAZZI ta' BirdLife Malta** u
- **STIKER** (bil-kulur) **bl-għasafar**

**Ħajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Ħuttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta f'temp ta' ftit ġranet. **Garanzija!**

**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Postcode ____________________

Data tat-Twelid ____________________

Telefon ____________________





**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________

Postcode ____________________

Telefon ____________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - ĦU FOTOKOPJA**

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR 01.**
Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli BirdLife Malta), Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ

## X'rat il-Kamera!



Ma rridx nara!
Ma *rridx* nara!





Victor Falzon

**Ħajt tas-sejjieħ... stil modern! Sabiħ, ukoll!**

Issa li r-riserva ta' l-Għadira reġgħet fetħet għall-publiku, il-Kampanja **Bolli għall-Ballut** reġgħet bdiet bil-bejgħ tal-bolli. Inkomplu naġġornawkom fil-ħarġa li jmiss. Sadattant ibqgħu **faddlu** u **ibagħtulna**! U grazzi minn qalbna!

### GRAZZI

Grazzi lil **Aldo Busuttil** ta' l-għaqda VERDE talli ġab tagħrif dwar attivitajiet u proġetti tal-BirdLife fil-magażin l-AMBJENTALIST

### GRAZZI

Grazzi lil **Mary Puli**, editriċi tal-gazzetta TAGĦNA T-TFAL, talli qed iġġiblina sensiela artikli qosra dwar annimali u pjanti, ippreparati minn Klabb Ħuttaf.

FORESTA 2000

## X'inhi FORESTA 2000?

### Huwa proġett ġdid u eċitanti ta' BirdLife Malta

...li bih nixtiequ **nħaddru biċċa art Maltija** b'siġar u arbuxxelli indiġeni
...li bih nixtiequ **nuru kif kienet Malta** qabel wasal il-bniedem
...li bih nixtiequ **npattu tal-ħsara li għamel il-bniedem** lill-ambjent naturali Malti matul is-sekli
...li bih nixtiequ **nagħtu rigal xieraq** u dejjiemi lill-millennju l-ġdid!

**U *intom*, għeżież Ħuttaf li ħadtu sehem fil-kampanja *Bolli għall-Ballut*, kontu l-*ewwel nies* li ħdimtu f'dal-proġett! X'unur dak! Mank kont jien!**



# Birdwatchers Club

Il-**Birdwatchers Club** twaqqaf is-sena l-oħra għal dawk il-membri ta' BirdLife u ta' Klabb Ħuttaf li jħobbu l-**berdwoċing**. Dawn joħorġu fil-kampanja armati bit-trombi, u jfittxu postijiet tajbin għall-għasafar. Il-klabb joħroġ magażin jismu ***Woodchat*** u jorganizza attivitajiet għall-membri. Sħubija fil-Birdwatchers Club hija **Lm1.50** fis-sena, u l-membri jridu jkunu għalqu l-10 snin. Min huwa interessat jikteb lil:
**Birdwatchers Club • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR01**



Sadattant jekk hemm xi membri Ħuttaf li jixtiequ jmorru berdwoċing fi grupp żgħir ma' berdwoċers ta' l-esperjenza, jistgħu jċemplu lil **Ian Balzan** (tel **225229**).